**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 28 t' Ottubru, 2016**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Matthew Dalli**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Matthew Dalli detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 205493M akkuzat talli nhar it-22 ta' Mejju, 2016, ghall- habta tal-4.00 ta' filghodu gewwa l-istabbiliment maghruf bhala 'Gianpula' sitwat gewwa l-limiti ta' Haz-Zebbug (Malta):-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Shaun Attard, liema feriti gabu sfregju gravi u permanenti f' wahda mill-idejn tal-offiz, u dan skond ma iccertifika Dr. Shahzad Arain M.D. (Reg. No. 3661) mill-Isptar Mater Dei, Msida, u/jew diversi tobba ohra, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b' ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza w cioe' ta' Shaun Attard, jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat, u f' kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-persuna/i offiza u l-familja taghha, u dan ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-28 t' Ottubru, 2016 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-

tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandu fedina penali nadifa, il-fatt li l-parte civile rrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli u li llum il-gurnata huma hbieb u jahdmu flimkien, kif ukoll il-fatt li kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza illi l-griehi sofferti minn Shaun Attard ma hallewx il-konsegwenzi ndikati fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 215, 216 u 338(dd) u 17 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tliet (3) snin millum.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma'

kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**MAGISTRAT**